**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 113 – IT-TNEJN, 12 TA' NOVEMBRU 2018 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 112

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 112

2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia innutat li saru 4 floodlights fi Ġnien Karin Grech imma hemm parti n-naħa ta' Triq l-Iskola li hija fid-dlam. Għadha trid tiġi identifikata jekk hux possibbli li jsir dawl f'din il-parti tal-ġnien.

## 3 Pagamenti Numru ~~98~~ 99

3.1 Is Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li jiġi approvat kont tal-Paramount ta' 1675.60 Ewro. Kien hemm qbil li jiġi approvat il-petty cash ta' Novembru.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġew innutati Quarter 1 u 2 Accounts tal-Kunsill. Ġie innutat li l-Kunsill huwa f'pożizzjoni finanzjarja tajba. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu

approvati dawn l-accounts. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar il-parkeġġi li qed isiru tal-iskema tal-Car Sharing, Go To. Il-Kunsill kien diġà tkellem fuq din u ma qabilx li jsiru dawn il parkeġġi. Ir-raġuni hi li f'San Ġwann diġà hemm problemi ta' parkeġġ u dawn ser jżidu dawn il-problemi. Għal din ir-raġuni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jaqbilx ma' dawn il-parkeġġi.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal fondi biex isiru sport activities għar-residenti. Ġie deċiż li jsiru Tennis, Swimming u Cycling.

5.2 Kien hemm qbil li nospitaw courses ta' Life Skills għar-residenti.

5.3 Kien hemm qbil li jinxtraw aktar neutering vouchers għall-istray cats.

5.4 Kien hemm qbil li ssir talba lill-kuntrattur tal-ġbir ta' skart biex il-ġbir isir b'vettura organiku u żewġ vetturi skart ieħor.

5.5 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied issir fit-18 ta' Jannar 2019.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li għandu jiġi l-Prim Ministru f'San Ġwann biex iżur il-mafkar ta' Karin Grech. Hu talab ukoll biex issir laqgħa ma' TM u l-Pulizija biex tiġi stabbilita jekk parkeġġi ta' karozzi fuq MC bay hiex legali.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss staqsiet dwar il-proġett tal-Community Centre.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex ir-residenti li jieħdu sehem fil-krafts ikunu fuq l-istand tal-Kunsill waqt il-Christmas Fair biex ibiegħu l-krafts tagħhom għal Puttinu. Kien hemm qbil. Hi lmentat ukoll li hemm taraġ f'Misraħ Lewża li għandu bżonn jiġi rranġat. Kien hemm qbil ukoll li ssir tabella Accident Black Spot fi Triq Ta' Żwejt.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 10 ta' Diċembru 2018 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**